MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2006

Numru 554/2006

Il-Pulizija
(Spettur Angelo Gafa)

vs

Martha Spiteri

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputata ta’ karta ta’ identita’ numru 10378(M) akkuzata talli:

1. f’dawn il-Gzejjer, fil-15 ta’ Marzu 2006 u fix-xhur ta’ qabel, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, fil-hanut *Essentials* ta’ 12, Triq id-dawr, Mosta, xjentament qeghdet fic-cirkolazzjoni, bieghet jew zammet ghandha ghall-bejgh jew importat ghall-hsieb ta’ kummerc, merkanzija b’marka, sinjal, jew emblema

imxebbhin b'qerq u cioè karti tal-ezamijiet tal-MATSEC, propjetà tal-Università ta' Malta;

2. fl-istess perjodu u cirkostanzi, ghal qliegh, jew bi skop ta' kummerc, stampat, immanifatturat, idduplikat jew mod iehor irriproduciet jew ikkopjat, bieghet, qassmet, jew mod iehor offriet ghall-bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-ligi ta' Malta jew tahtha;

Il-Qorti mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti;

Ukoll sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzata ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet lill-imputata tammetti l-akkuzi fl-liema ammisjoni insistiet anka wara li l-Qorti taghtha zmien tirrikonsidra.

Ikkonsidrat:

illi in vista ta' din l-ammisjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputata ssibha hatja tar-reati lilha addebitati.

Wara li kkunsidrat in-natura tar-reat u rat l-Artikoli 298(1)(f) u 298B tal-Kap 9 tiddeciedi li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tillibera bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor f'perjodu ta' sitt xhur mil-lum.

Tastjeni li tiehu konjuzzjoni tal-ahhar zewg talbiet stente li ebda oggetti tar-reat ma gie esbebit u l-ebda esperti ma gew nominati. Il-Qorti spjegat lill-imputata r-responsabilitajiet taghha li johorgu minn dina s-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------